MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 199/2011

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143) hekk kif issurrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Noel Mamo (K.I. 519770M), sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Noel Mamo**
**Vs**
**Kunsill Lokali Msida u Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-atturi jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu s-somma t’ elf mitejn u tnejn u erbghin ewro u tmienja u ghoxrin centezmi (€1242.28) li jinkludu hamsa u hamsin ewro (€55.00) mhallsa bhala Excess mill-assikurat tas-socjeta’ attrici, Noel Mamo, rapprezentanti danni kkagunati in segwitu ta’ incident li sehh fit- 12 ta’ Novembru, 2009, fi Triq M.A. Vassalli, Msida, meta bicca mill-istruttura tal-pont li fuqu hemm mibnija triq sovrastanti ossija Triq San Alwigi, Msida waqghet ghal fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JGL 112 misjuqa minn u

propjeta' tal-assikurat tas-socjeta mittenti, u liema vettura kienet ghaddejja regolarment fi triqtha fi Triq M.A. Vassalli; u liema incident sehh unikament tort tal-konvenuti jew min minnhom minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas fl-obbligi taghhom ghaz-zamma ta' propjeta' pubblika fi stat tajjeb u minghajr perikli, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna; interpellati sabiex ihallsu permezz ta' ittra ufficcjali datata l- 26 ta' April 2010, il-konvenuti baqaw inadempjenti u ghalhekk kellhom jigu istitwiti l-proceduri odjerni; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal- 26 ta' April, 2010 u bl-imghaxijiet mill- 26 ta' April 2010 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Kunsill Lokali Msida pprezentata fit- 18 ta' Marzu 2011 li ecceppixxa illi l-Kunsill Lokali Msida mhux il-legittimu kontradittur stante li t-triq li fiha sehh l-allegat incident ma jaqax taht ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali; illi l-Kunsill Lokali Msida ma hux responsabbli ghall-manutenzjoni tal-istruttura inkwistjoni; salv eccezzjonijiet ohra; bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenuta Awtorita' ghat-Trasport f'Malta pprezentata fl-20 ta' Marzu 2011 li ecceppiet illi inlinea preliminari l-Awtorita' intimata mhix il-legittimu kuntradittur u dana peress illi z-zamma fi stat tajjeb u l-manutenzjoni u t-titjib lit-triq San Alwigi, Msida, kif ukoll tal-pont li fuqu hemm mibnija jew inkorporata dina t-triq hawn fuq imsemmija, jiffurmaw parti mill-funzjonijiet u responsabilitajiet tal-Kunsill Lokali relattiv u mhux tal-Awtorita' intimata. Ghalhekk l-Awtorita' intimata ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju; illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet kollha tal-atturi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jigi ppruvat ahjar waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza odjerna; illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kwantum tad-danni allegatament subiti mill-attur huwa kontestat u ghaldaqstant ghandhom jigu ppruvati; salv eccezzjonijiet ulterjuri; bl-ispejjez kontra l-atturi.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha fil-process;

Sema' x-xhieda kollha;

Ra l-verbal li bih thalliet illum ghas-sentenza.

Din it-talba tirrigwarda danni subiti fuq il-vettura bit-targa JGL-112 proprjeta' ta' Noel Mamo in segwitu t'incident li sehh fil-12 ta Novembru 2009. Il-vettura kienet assigurata ma' GasanMamo Insurance plc li hallset it-tiswijiet fis-somma t' elf mitejn tnejn u erbghin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1242.28)[1], u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet ta' Noel Mamo.

Illi fil-kawza odjerna z-zewg konvenuti qeghdin jikkontestaw li huma il-legittimi kontraditturi fil-kawza.

Mill-provi jirrizulta:

Illi **Noel Mamo** (l-assigurat) kien qed isuq il-vettura tieghu Renault Megan bit-targa ta' registrazzjoni JGL-112. Din il-vettura hija inxurjata *fully comprehenve* mas-socjeta' attrici. Fid-data li sehh l-incident kien ghaddej fi Triq Mikiel Anton Vassalli mid-direzzjoni tar-*roundabout* tal-Universita' lejn l-Imsida. Kien wahdu u kien id-dlam meta ghadda minn taht il-pont sema' hoss kbir u ra dahna bajda mill-mera tal-vettura. Il-vettura ntlaqtghet minn xi haga li waqghet. Waqqaf il-karrozza u ra tifrik abjad, gebel daqs pala ta' id mal-art, illi dehru li kienu ghadhom li waqghu mis-saqaf tal-pont. Skont ix-xhud dan kien materjal ta' kostruzzjoni, ma kienx tarmac imma bicciet zghar ta' konkrit.

Meta issejhu il-*wardens* ma hadux sketch tat-triq ghaliex l-assikurgat kien lahaq mexa pero hu kien ha ritratti[2].

Ikkonferma li is-socjeta' attrici hadet hsieb ghat-tiswijiet kollha bl-eccezzjoni tal-access fis-somma ta' hamsa u hamsin ewro (€ 55), li hallas hu.

---

[1] Ara DoksGM1 sa GM12 a fol 2 et seq tal-pocess
[2] Ara doks GM1.9 sa 1.2

Xehed il-**Perit Noel Gauci** pprezentat minn Transport Malta li spjega illi l-obbligu tal-manteniment tat-toroq artejali u distributorji huma f'idejn Trasport Malta.[3] Filwaqt illi t-triq ta' fuq il-pont ossia Triq San Alwigi li mhijiex triq artejali jew distributorja hija r-responsabilta tal-Kunsill Lokali[4]. It-triq Mikiel Anton vassalli, ossia t-triq fejn gara l-incident, huwa responsabilita' tal-Gvern Centrali.

Pero meta gie mistoqsi jekk l-istruttura tal-pont taqax taht Transport Malta x-xhud qal li ma kienx jaf. Hu ndika illi kien iverifika mas-superjuri tieghu li ndika li hu stess ma kienx cert dwar x'kienu r-responsabiltajiet kollha tal-Kunsill Lokali. Fis-seduta tat-18 ta' Novembru ddikjara li l-istruttura tal-pont kien ir-responsabilta' tal-Kunsill Lokali.

**Xehed il-Perit Daniel Cordina** (*Domestic Road Contract and maintemance Unit* ta' Transport malta) li kkonferma illi t-triq ta' fuq il-pont ossia Triq San Alwigi mhijiex triq artejali jew distributorja u ghalhekk hija r-responsabilta' tal-Kunsill Lokali tal-Imsida. Ghalhekk, skont hu, il-prassi hija li l-istruttura tal-*bridges* jaqaw taht ir-responsabbilita' ta' min huma responsabili ghat-triq ta' fuq. Ghalhekk il-*bridges* ta' Guze Ellul Mercer u anke Manwel Dimech li huma toroq arterjali jaqaw taht ir-respnsabilta' tat-Trasport Malta.

**Matthew Dimech** (Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali fis-sena 2009) xehed li bhala Kusill Lokali huma kienu responsabbli ghall-wicc tat-triq u mhux ghall-istruttura. Il-Gvern Centrali jaghtihom somma flus ghall-manutenzjoni tat-toroq. Ikkonferma li huma kienu konxji tal-problema tal-pont u ghalhekk kienu rrapportaw il-kwistjoni lil Transport Malta.

**IKKONSIDRA**

Fit-talba odjerna l-assikurazzjoni hadet passi kontra l-Awtorita' tat-Trasport u l-Kunsill Lokali ta' Msida ghall-

---

[3] Ara xhieda tat- 18 ta' Novembru 2011 fejn ikorrega l-ewwel xhieda tieghu; u L-Att dwar il-Kunsilli Lokali Kap 363 Arikolu 33(1) u (2) u lis-*Structure Plan* indikat f'Dok DC2.

[4] Ara Dok NG1, a folio 49 tal-process.

hsarat ikkawzati fuq vettura li kienet ghadejja fi Triq Dun Mikiel Vassalli taht il-pont tat-Triq San Alwigi.

Illi fl-ewwel lok it-Tribunal ghandu jestabillixi minnu il-legittimu kontradittur ghaliex iz-zewg konvenuti qeghdin jikkontestaw li huma il-legittimi kontradditturi fil-kawza.

Illi hareg car u ma giex ikkontestat, illi kien minhabba *debris* li waqa' mill-pont ta' Triq San Alwigi.

Min-naha taghha L-Awtorita' tat-Trasport tichad r-responsabilta' ghaliex l-istruttura tal-pont huwa parti integrali tal-pont. Il-pont iservi biss ghat-Triq San Alwigi li huwa ir-responabilta' tal-Kunsill Lokali u ghalhekk ghandu jkun responsabbli l-Kunsill Lokali. Taghti bhala ezempju ponot ohrajn bhal dawk tat-Triq Regjonali fejn kellha taghmel manutenzzjoni tal-istruttura tal-pont hi stess ghaliex din it-triq hija wiehda arterjali.

Min-naha l-ohra il-kunsill lokali jghid li mhuwiex responsabli ghaliex huwa biss responsabli ghall-manutenzjoni tal-wicc tat-triq u mhux ghall-istruttura.

Artikolu 33 jghid is-segwenti :
*(1) Bla hsara ghas-subartikolu (2) u ghad-dispozzijonijiet ta' kull ligi ohra li tkun fis-sehh fiz-zmien il-funzjonijiet ta'* ***kull Kunsill Lokali***[5] *jkunu:*
*(a) li jipprovdi biex tinzamm fi stat tajjeb u ghall-manutenzjoni ta' jew titjib fi kull triq jew moghdija li ma tkunx propjeta privata….*
*(d) ….. li jestabblixxi u jzomm fi stat tajjeb postjiet ghal nies bil-mixi u ghall-ipparkeggjar u biex jipprovdi ghall-harsien tat-tfal tal-iskola qrib l-iskejjrl*
*(2) Toroq arterji u distributorji stabbiliti bil-<u>pjanta struttura</u> ….. huma* ***responsabilta tal-Gvern***[6] *u hlief kif provdut skont is-sub artikolu (1) (w) jew (x) huma ghal kollox eskluzi mill-kompetenza ta' Kunsilli Lokali.*

[5] Emfazi mizjuda
[6] Emfazi mizjuda

Illi ghalhekk hawn ghandna ndikat il-parametri tar-responsabilta’ tal-partijiiet, ghalhekk johrog car illi toroq arterjali u distributorji huma r-repsonsabilita’ tal-Gvern. Avviz Legali 499.57, “toroq arterjali u distributorji” jfisser dawk it-toroq li huma hekk elenkati mill-Awtorita’ kif hemm fir-Regolament 3(3) u kif indikati mill-istess artikolu huma stabbiliti mill-pjan ta’ struttura. L-Awtorita’ tat-Trasport ipprezentat *Structure Plan* sanzjonat mill-MEPA. Huma ghalhekk it-toroq arterjali u distributorji li huma eskluzi mill-kompetenza tal-Kunsill Lokali.

Fl- Avviz Legali 499.57, artiklu 3(1), jghid is-segwenti:

*Izda fejn triq la tkun arterjali lanqas triq distributorja il-manteniment, it-titjib u l-manutenzjoni taghha ghandu jipprovdi ghalihom il-kunsill lokali adatt skont l-artikolu 33 tal-Att dwar il-kinsill lokali*.

Il Kunsill Lokali ghandu ghalhekk jzomm: *“ fi stat tajjeb u ghall- manutenzjoni ta’ jew titjib fi kull triq jew moghdija li ma tkunx propjeta privata”.* Kap 363, tal-Ligijiet ta’ Malta taghti definizzjoni ta’ xi inhi triq: “*Triq tinkludi kull triq, sqaq, misrah, pont, xatt il-bahar, moll, jew post iehor ta passagg jew access pubbliku*”.

Ghalhekkk jidher li ma hemmx kontestazzjoni dwar l-ewwel punt tal-Awtorita’ li Triq San Alwigi stess hija responsablita’ tal-Kunsill Lokali. It-Tribunal, ghalhekk, irid jistabilixxi jekk Triq San Alwigi tinkludi l-pont kollu u anke l-struttura tieghu /jew jekk huwa biss il–parti sovrastanti tal-pont.

Fil-fehma tat-Tribunal il-pont u Triq San Alwigi huma l-istess haga. L-istruttura tal-pont kienet intiza ghall-ghan wiehed u cioe biex tghaddi Triq San Alwigi minn-tarf ghall-iehor. Minghajru Triq San Alwigi ma tkunx tista’ tghaddi jew tezisti. Ma johrog minn ebda klawzola jew artikolu tal-ligi li Kunsill Lokali huwa biss responsabbli ghall-wicc ta’ triq. Di piu’ “pont” huwa nkluz f’definizzjoni ta’ triq u ghalhekk ghat-tribunal huwa car li l-legislatur kien jaf li pont ghandu mieghu struttura shiha u ghalhekk huwa defnit bhala “pont”. Ghalhekk galadarba gie inkluz fid-

definizzjoni ta' triq, il-pont ta' Triq San Alwigi ghandu jitqies bhala parti mit-triq u ghalhekk ghandu jkun responsabilita' tal-Kunsill Lokali.

Illi ma tressqet ebda prova kontra l-fatt li kien l-istruttura tal-pont li kkawza d-danni. Ghalhekk t-Tribunal jaghmel referenza ghall-artikoli tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta li jghid illi:

**1031.** K*ull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu;*
**1033.** *Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa ii biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.*

Huwa principju pacifiku ukoll fil-gurisprudenza illi l-oneru tal-prova huwa ta' dak min qed jallega pero il-grad ta' prova f'kawza civili hija hafna inqas oneruza minn kawza kriminali :

*... il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.*[7]

Minn ezami tac-cirkostanzi li waslu ghat-talba ta' htija u hlas ta' danni tal-kawza odjerna (li ma gewx ikkontestati) jidher d-dannu gie kkawzat mill-*debris* li waqa' mill-pont stess minhabba nuqqas ta' manutenzjoni. Hareg illi hadd m'hu qed jaghmel manutenzjoni ghaliex ebda wiehed mill-konvenuti qieghed jiehu r-reposnabblita' tal-istruttura. Ghalhekk, in vista tal-konsiderazzjoni, it-Tribunal jhoss illi l-pont ghandu jkun ir-responsabilta' tal-Kunsill Lokali.

---

[7] *Giordamaina Medici Frank et vs William Rizzo et*, deciza fit-28 t'April 2004, mill-Onor. Imhallef Noel Cuschieri fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

**DECIZJONI**

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi, jillibera l-Awtorita' tat-Trasport mit-talba attrici u jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kontra l-Kunsill Lokali fl-ammont t' elf mitejn u tnejn u erbghin ewro u tmienja u ghoxrin centezmi (€1242.28), li jinkludu hamsa u hamsin ewro (€55.00) mhallsa bhala Excess mill-assikurat tas-socjeta' attrici, u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------